# Fil-Knisja ta' Santu Rokku - Devozzjoni ħajja lejn Santa Rita

Il-Knisja filjali ta' Santu Rokku, ftit passi bogħod mill-Bażilika Elenjana, nbniet fi żmien il-Pesta tal-1592-93. Kienet lesta sal-1594. Il-kwadru titulari ta' din il-kappella jirrappreżenta lill-Madonna tal-Grazzja, b'San Bastjan Martri u Santu Rokku ta' Montpellier, żewġ qaddisin protetturi kontra l-marda tal-pesta.



Fi żminijietna din il-kappella tibqa' marbuta mad-devozzjoni speċjali u qawwija li nibtet lejn il-qaddisa tal-impossibbli, Santa Rita ta' Cascia. Il-Kappella saret waħda Sagramentali fl-1966, fl-istess sena li saret l-ewwel festa lil Santa Rita mill-Isqof Emanuel Galea. Vigarju Ġenerali. Devozzjoni li sa mill-1965 kompliet tikber sal-lum, b'mod speċjali bit-tħabrik u l-ħidma tas-Sur John Tonna, eks-kuratur li għadda għall-ħajja ta' dejjem f'Mejju ta' din is-sena (ara paġna 124).

Jalla din id-devozzjoni tibqa ħajja f'din il-knisja u tinġarr fil-qlub ta' ħafna li jirrikorru lejn din il-qaddisa. Santa Rita tibqa mudell ħaj għal kull ġenitur, għall-miżżewġin, għaż-żgħażagħ, għal min jinsab fl-uġiegħ, kif ukoll hi ta' ispirazzjoni għar-Reliġjużi kollha. Santa Rita hi lezzjoni għalina lkoll li tħalli frott tajjeb u prattiku.

Il-Kappella hija partikolarment magħrufa għal 15-il Ħamis ta' Santa Rita li jibdew minn Jannar u jintemmu f'Mejju b'pellegrinġġ devot.